DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Frar 2010

dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-aġenziji tal-ħlas ta' Malta dwar in-nefqa fil-qasam tal-miżuri tal-iżvilupp rurali ffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (l-FAEG) għas-sena finanzjarja 2008

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 468)

(It-test bil-Malti biss huwa awtentiku)

(2010/68/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 30 u 39 tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat għall-Fondi Agrikoli,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/366/KE [2] approvat il-kontijiet tal-aġenziji kollha tal-ħlas għas-sena finanzjarja 2008, ħlief dawk tal-aġenzija tal-ħlas Maltija MRRA.

(2) Wara t-trażmissjoni ta' tagħrif ġdid u wara li saru aktar verifiki, il-Kummissjoni issa tista' tiddeċiedi dwar in-nefqa fil-qasam tal-miżuri tal-iżvilupp rurali, dwar l-integrità, l-eżattezza u l-veraċità tal-kontijiet imressqin mill-aġenzija tal-ħlas Maltija "MRRA".

(3) Skont l-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax deċiżjonijiet meħuda sussegwentement mill-Kummissjoni li jeskludu mill-finanzjament tal-Komunità nefqa li ma ġietx effettwata skont ir-regoli Komunitarji,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kontijiet tal-aġenzija tal-ħlas ta' Malta "MRRA" dwar in-nefqa fil-qasam tal-miżuri tal-iżvilupp rurali ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (l-FAEG) għas-sena finanzjarja 2008, b'dan qed jiġu approvati.

L-ammonti li jistgħu jiġu rkuprati minn, jew li għandhom jitħallsu lill-Istat Membru skont din id-Deċiżjoni fil-qasam tal-miżuri tal-iżvilupp rurali li japplikaw f'Malta huma stipulati fl-Annessi I u II.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Malta.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Frar 2010.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.
[2] ĠU L 111, 5.5.2009, p. 35.

ANNESS I

Approvazzjoni tal-kontijiet tal-Aġenziji tal-Ħlas

Sena finanzjarja 2008 - Nefqa tal-Iżvilupp Rurali tal-FAEG fl-Istati Membri ġodda

Ammont li għandu jiġi rkuprat minn jew imħallas lill-Istat Membru

SM		2008 - Nefqa għall-Aġenziji tal-Ħlas li għalihom il-kontijiet huma		Total a + b	Tnaqqis	Total	Ħlas interim lill-Istat Membru għas-sena finanzjarja	Ammont li għandu jiġi rkuprat minn (–) jew imħallas (+) lill-Istat Membru
		approvati	diżapprovati					
		= nefqa ddikjarata fid-dikjarazzjoni annwali	= total tal-ħlasijiet interim imħallsa lura lill-Istat Membru għas-sena finanzjarja					
		a	b	c = a + b	d	e = c + d	f	g = e – f
MT	EUR	2 241 670,14	0,00	2 241 670,14	0,00	2 241 670,14	2 241 670,14	0,00

ANNESS II

Nefqa approvata mill-miżura tal-iżvilupp rurali tal-FAEG għas-sena finanzjarja 2008 fl-Istati Membri ġodda

Differenzi bejn kontijiet annwali u dikjarazzjonijiet ta' nefqa

SM	No	Miżuri	Nefqa 2008 Anness I kolonna "a"	Tnaqqis Anness I kolonna "d"	Ammont approvat għall-2008 Anness I kolonna "e"
MT	No	Miżuri	i	ii	iii = i + ii
	1	Żoni żvantaġġati	975,33	0,00	975,33
	2	Agri-ambjent	663 097,97	0,00	663 097,97
	3	Konformità mal-istandards	1 511 921,23	0,00	1 511 921,23
	4	Grupp tal-Produtturi	0,00	0,00	0,00
	5	Assistenza teknika	55 916,31	0,00	55 916,31
	6	Għajnuna komplementari mill-Istat	0,00	0,00	0,00
	7	Miżura Ad hoc	9 759,30	0,00	9 759,30
		Total	2 241 670,14	0,00	2 241 670,14